Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Ġunju 2011 — ReValue Immobilienberatung vs UASI (ReValue)

(Kawża T-487/09)

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva ReValue — Rifjut parzjali ta' reġistrazzjoni — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' servizz (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(c)) (ara l-punti 58, 69-73)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-7 ta' Ottubru 2009 (Każ R 531/2009-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv ReValue bħala trade mark Komunitarja.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja	ReValue Immobilienberatung GmbH
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark figurattiva ReValue għal servizzi fil-klassijiet 35, 36, 42 u 45 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 6784292
Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Reġistrazzjoni parzjalment rrifjutata
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell	Appell miċħud

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) ReValue Immobilienberatung GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tat-30 ta' Ġunju 2011 — Imagion vs UASI (DYNAMIC HD)

(Kawża T-463/08)

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali DYNAMIC HD — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Nuqqas ta' karattru distintiv miksub bl-użu — Artikolu 7(1)(b) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)"

1. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li ma humiex ta' karattru distintiv (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(b) u (3)) (ara l-punti 21, 22, 34, 42-44)*

2. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li ma humiex ta' karattru distintiv — Eċċezzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(3)) (ara l-punt 43)*

3. *Trade mark Komunitarja — Dispożizzjonijiet proċedurali — Motivazzjoni tad-deċiżjonijiet — Għan (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(3)) (ara l-punt 50)*